Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 104/2017

**Violet Saliba f'isimha proprju u bhala prokuratrici ta' Theresa Walker u Edwich Mercieca assenti minn Malta, Mary Desira, Maria Concetta Micallef u Paul Caruana**

**Vs**

**Gaetano Cassar**

30 ta' Lulju, 2018.

1. B'sentenza tal-Bord Li Jirregola l-Kera li nghatat fil-25 ta' Ottubru, 2017 laqa' t-talba ghall-izgumbrament tal-intimat mill-fond The Melbourne bar, 107, Triq Luqa Briffa, Zejtun wara li l-intimat naqas milli jattendi ghas-seduta u l-Bord ikkonkluda li mill-provi kien irrizulta li l-fond kien ilu ma jintuza ghal zmien twil.

2. Fir-rikors promotur jinghad li l-intimat ilu jokkupa l-fond sa mis-snin sittin u jhallas kera ta' mitejn ewro (€200) kull xahar. Gie premess ukoll li l-fond jinzamm maghluq, u bil-fomm kien accetta li jizgombra mill-fond. Ir-rikorrenti talbu sabiex il-Bord:

   *"1. Jghaddi biex jiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smigh skont kif mahsub fl-artikolu 16A tal-Kapitolu 69 tal-Ligijiet ta' Malta.*

   *2.Jordna, ghar-ragunijiet fuq premessi, lill-intimat sabiex jivvaka mill-fond ossia l-bar The Melbourne Bar, ta' 107, Triq Luqa Briffa, Zejtun u jipprefiggi zmien qasir u perentorju li fih l-intimat ghandu jizgombra mill-istess fond, inehhi dak kollu li huwa hwejgu u jaghti lura l-pussess battal tal-istess fond lir-rikorrenti fl-istess stat tajjeb illi kien mghoddi lilu, u jawtorizza ghaldaqstant lir-rikorrenti sabiex jiehdu lura l-pussess ta' dan il-fond, dan kollu ai termini tal-artikolu 9 tal-Kapitolu 69 tal-Ligijiet ta' Malta".*

3. Il-kawza kienet appuntata ghas-seduta tal-25 ta' Ottubru, 2017. Fil-verbal jinghad:-

   *"Meta ssejhet il-kawza fil-hin dehret ir-rikorrenti assistita minn Dr Keith Borg u Dr Carlos Bugeja.*

   *L-intimat msejjah diversi drabi ma deherx*

   *Xehdet bil-gurament Violet Saliba*

   *Deciza*

*Aktar tard ghall-habta tal-11:30 deher Gaetano Cassar assistit minn Dr Marion Camilleri u Dr Yanika Vidal li gew informati mill-Bord illi, billi l-kawza kienet fl-10:00 u ssejjhet ghal-habta tal-10:15 u sahansitra l-intimat issejjah tlett darbiet ma deherx, il-Bord ghadda biex iddecieda l-kawza.*

*Dr Marion Camilleri informat lill-Qorti illi l-intimat kien gewwa l-bini tal-Qorti mill-10:00 u fil-fatt it-tifla tal-intimat Janne Agius, bghatet messag fuq il-mobile ta' Dr Yanika Vidal fl-10:06, li huma kienu waslu fl-edifizju tal-Qorti".*

4. Fl-14 ta' Novembru, 2017 l-intimat appella mis-sentenza u lmenta li dakinhar li nghatat is-sentenza kien fil-bini tal-qorti izda ma semax il-kawza tissejjah. F'kull kaz l-appellati kienu jafu li l-appellant kien qieghed jikkontesta l-pretensjoni taghhom.

5. Ir-rikorrenti wiegbu u taw ir-ragunijiet ghalfejn l-appell ghandu jigi michud.

6. Il-qorti semghet il-provi, it-trattazzjoni tad-difensuri u qrat l-atti.

**<u>Konsiderazzjoni</u>**.

7. Irrizulta li dakinhar tas-seduta ftit wara l-ghaxra ta' filghodu bint l-appellant baghtet messagg bil-mobile lill-avukat Dr Yanika Vidal li kienu qeghdin il-qorti hdejn il-*lift*. Messagg li jirrizulta li Dr Vidal irceviet kif ikkonstatat il-qorti minn fuq il-*mobile* tal-istess avukat u kif irrizulta wkoll mix-xhieda li nstemghet. Minn dawn il-messaggi l-qorti temmen li meta ssejhet il-kawza, Cassar kien fil-bini tal-qorti.

8. Il-kawza kienet appuntata sabiex tissejjah fl-10.00 ta' filghodu u fil-verbal jinghad li ssejhet fl-10.15 ta' filghodu. Fl-avviz li gie notifikat lill-appellant jinghad li s-seduta kellha ssir quddiem il-Magistrat Demicoli. Ghalkemm fl-avviz ma jissemmiex in-numru tal-Awla, mix-xhieda hu evidenti li kienu jafu li s-seduta kienet qeghda ssir fl-Awla numru 1 (ara per ezempju affidavits ta' Joanne Agius u Gaetano Cassar).

9. Ladarba l-appellant ma deherx meta msejjah, skont l-artikolu 16A(5)(a) tal-Kap. 69 il-Bord kellu jilqa' t-talba.

10. Mill-verbal tas-seduta jirrizulta li kien biss *'ghall-habta tal-11:30'* li l-appellant dahal fl-awla flimkien mal-avukati li kienu nkarigati biex jassistuh. Pero' dak il-hin kien tard wisq ghaliex il-kawza kienet diga' giet deciza.

11. L-appellant ghamel hazin li ma qaghadx ma' gemb il-bieb tal-awla fejn il-Bord kien qieghed izomm is-seduta jew sahansitra dahal fl-Awla jistenna l-kawza

biex tissejjah. M'hemmx dubju li l-post fejn qaghad jistenna l-appellant, hdejn l-Awla numru 5,[1] ma kienx dak idoneju biex jisma' lill-ufficjal ezekuttiv tal-qorti ssejjah il-kawza. Hu minnu li rrizulta li jakkumpanjaw lill-appellant kien hemm bintu u r-ragel taghha. Pero' hu evidenti li huma wkoll ma semawx lill-ufficjal tal-qorti ssejjah il-kawza. Mill-verbal ta' dakinhar jirrizulta li l-kawza ssejhet. Probabbilment l-appellanti u dawk li kienu qeghdin jakkumpanjawh ma semghux il-kawza tissejjah ghaliex ma kinux ma' gemb il-bieb tal-Awla fejn kienet qeghda ssir is-seduta.

12. F'sentenza ta' din il-qorti li nghatat fil-kaz **Paul Caruana nomine vs Joseph Galea** fid-29 ta' Novembru, 1952, intqal:

*"Jekk minhabba dizattenzjoni l-appellant ma semax il-kawza tissejjah, dan juri kontumacja kolpuza, jew zball vincibbli, li ma humiex konsistenti mal-gustifikazzjoni tal-kontumacja (ara riassunt tal-gurisprudenza in materja kontenut fis-sentenza Cassar vs Vassallo, Appell Inferjuri 29 ta' Mejju, 1937, Vol. XXIX.i.1581)".*

13. Kaz iehor fejn parti f'kawza ma deheritx ghaliex qalet li ma semghatx il-kawza tissejjah kien **Joseph Caruana Co Ltd vs David Coleiro et**, deciza minn din il-qorti fis-17 ta' Novembru, 2004. Il-qorti qalet:

*"…… insibu illi jekk il-konvenut ikun ha zball fid-data tal-kawza jew tad-differiment dak l-izball hu wiehed vincibbli u ma jikkostitwix kawza gusta ("Farrugia -vs- Grech", Appell Inferjuri, 23 ta' Jannar 1926). Lanqas ma huwa zball skuzabbli fejn ikun hemm l-evidenti negligenza jew traskuragni ta' l-appellanti jew tad-difensur tieghu ("Mercieca -vs- Mifsud", Appell Inferjuri, 3 ta' Mejju 1943) jew fejn, minhabba dizattenzjoni l-appellant ma semghax il-kawza tissejjah ("Caruana -vs- Galea", Appell Inferjuri, 29 ta' Novembru 1952). F' kaz bhal dan dik in-negligenza toqtol kwalunkwe gustifikazzjoni in bazi ghall-aforisma "qui culpa sua damnum sentit non videtur damnun sentire", ("Luigi Ellul -vs- Angela Ellul", Appell Inferjuri, 30 ta' Marzu 1949);*

*Huwa dezumibbli minn dawn il-ftit ezemplari illi ma tirrikorrix ir-raguni tajba rikjesta mil-ligi f'kaz ta' negligenza jew traskuragni tal-kontumaci (Kollez. Vol. XXXV P I p 323), anke jekk din tikkonsisti f'semplici dizattenzjoni u dan mhux biss meta l-htija tkun tal-parti izda anke meta tkun tad-difensur mandatarju tieghu (Kollez. Vol. XXXI P I p 738)".*

14. Ragunament li l-qorti ma tarax ghalfejn m'ghandu japplika wkoll ghall-kaz tal-lum. Wara kollox il-qorti m'hijex qeghda hawn biex tirrimedja ghan-nuqqas ta' attenzjoni tal-appellant.

15. Fir-rikors tal-appell, l-appellant argumenta wkoll li l-appellati kienu jafu li l-kwistjoni kienet kontestata. Pero' m'hemmx prova ta' dan. Il-fatt li fis-7 ta' Dicembru, 2016 l-appellant ippropona kawza fl-ismijiet **Gaetano Cassar vs kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw l-eredi ncerti ta' Joseph u Eva Mercieca** (122/2016) lanqas m'hi prova, gialadarba m'hemmx prova li l-appellati gew notifikati bl-atti u lanqas mhemm seduta ffissata.

[1] Fatt konfermat minn Dr Yanika Vidal.

**Ghal dawn il-motivi tichad l-appell bl-ispejjez kontra l-appellant. Ghal finijiet ta’ zgumbrament il-perjodu li ffissa l-Bord ghandu jiddekorri mil-lum.**

Anthony Ellul.